MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2009

Appell Kriminali Numru. 103/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. T. Micallef)**
**Vs**
**Ali Shaban**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-12 ta' Lulju, 2008, ghall-habta ta' 22.00 hrs., gewwa l-hanut "Hot Ice", li jinsab gewwa Triq Paceville Avenue, San Giljan :

1. serva jew ippermetta li jigi servut alkohol wara d-disa' (9.00 p.m.) ta' bil-lejl minn stabbiliment li huwa licenzjat mis-sezzjoni licenzji tal-Kummerc, liema bejgh imur kontra l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tieni skeda tal-Avviz Legali 1/2006;
2. opera l-imsemmi hanut minghajr licenzja mill-Awtorita' kompetenti;

3. naqas milli jqieghed gewwa gwarnic u f'post fejn jidher sewwa fil-hanut, kopja ta' kull licenzja jew permess moghtija lilu mill-Awtorita' kompetenti dwar il-hanut, kif ukoll kopja stampata ta' dawn ir-regolamenti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Marzu, 2009, li biha, wara konfuzjoni fl-identita' tal-appellat, ma sabitux hati w illiberatu stante li l-appellat prezenti ma kienx debitament identifikat.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-1 t'April , 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, w minflok, in vista tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija aktar il-fuq, tghaddi biex tiddisponi minn dan il-kaz skond il-ligi w fl-ahjar interess tal-gustizzja.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Generali.

Semghet ix-xhieda ta' PC 1112 George Buhagiar, Charles Muscat u l-Ispettur Trevor Micallef.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

Illi rrizulta li ghalkemm fuq is-Central Database printout, li jinsab esebit fil-process, l-appellat jidher bl-isem “Ali”, fl-identity card tieghu jidher li jgib l-isem Farag Abdel Ghani Shaban.

Filwaqt li fuq l-identity card hemm ir-ritratt tal-appellat prezenti fl-Awla, Farag Abdel Ghani Shaban fuq is-Central Database jidher bhala t-tifel tal-appellat u, skond ix-xhieda tal-Ispettur Micallef, il-licenzja tal-hanut qeghda fuq Farag

Abdel Ghani Shaban invece Ali ghandu licenzja ta' "substitute".

Peress li mix-xhieda konflingenti dwar l-identita' ezatta tal-appellat u partikolarment mill-karta tal-identita' tieghu li giet esebita "animo ritirandi" quddiem l-Ewwel Qorti w li regghet giet esebita quddiem din il-Qorti, jirrizulta li l-akkuza harget b'isem differenti minn dak li jidher fuq il-karta tal-identita' ghalkemm il-kunjom jidher li hu l-istess u peress l-istess karta tal-identita' tal-appellat, turi li din inharget bir-ritratt tal-appellat odjern, il-Qorti tiddisponi mill-appell tal-Avukat Generali billi tiddikjara skond gurisprudenza stabilita li s-sentenza appellata ma taghmilx stat fil-konfront tal-appellat li l-isem tieghu skond l-istess karta ta' l-identita' huwa Farag Abdel Ghani Shaban.

Il-Qorti pero' qeghda tigbed l-attenzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija ghad-diskrepanza li tezisti bejn l-isem li hemm fuq il-karta ta' l-identita' li ggib in-numru 0128494M u d-dettalji li jidhru fuq is-Central Database ghall-istess numru ta' karta ta' l-identita' ghal kull fini ta' investigazzjoni dwar il-korrettezza tad-dokument u ta' l-informazzjoni li l-appellat seta' ta lill-Awtorita' li harget l-istess dokument.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------